MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 2381/2000/1

**Paul u Mary Anne sive Marion konjugi Portelli**

**Vs**

**Ronald u Eugenia konjugi Agius u Noel u Andre' ahwa Agius ulied l-istess Ronald u Eugenia konjugi Agius**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999 wara l-kawza fl-ismijiet **Paul Portelli –vs- Ronald Agius, Citaz Nru 296/96 JF,** il-konvenuti konjugi Agius gew ikkundannati sabiex jaddivjenu *ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt definittiv in esekuzzjoni tal-konvenju datat 25 ta' April 1990 li permezz*

*tieghu ghandu jigi trasferit mill-istess konvenut u kjamata fil-kawza [Eugenia Agius] lill-attur b'titolu ta' kompra-vendita ta' flat nru. 3 fit-tielet sular (2nd floor level) formanti parti minn blokk ta' appartament numru 7, Triq San Gwann Bosco kantuniera ma' Tower Road, Sliema versu l-prezz u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm stipulati.* (Dok "A")

Premess illi ai termini ta' dik l-istess sentenza, tali trasferiment definittiv kellu jsir fit-30 ta' Novembru, 1999, fl-edificju tal-Qorti u l-kuntratt kellu jigi ppubblikat minn Nutar Dottor Tonio Spiteri, debitament nominat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

Premess illi fl-imsemmija data tali kuntratt ta' trasferiment definittiv ma setax jigi ppubblikat minhabba ragunijiet esklussivament attribwibbli lill-konvenut Ronald Agius, kif jirizulta minn Rikors ipprezentat mill-attur fil-25 ta' Novembru, 1999, u ghaldaqstant l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet datat 28 ta' Dicembru, 1999, iffissat id-data tat-30 ta' Marzu 2000 sabiex jigi ppubblikat tali kuntratt ta' trasferiment finali. (Dok"B", "C")

Premess illi fl-imsemmija data tat-30 ta'Marzu 2000, l-imsemmi kuntratt ta' trasferiment definittiv ma giex ippubblikat ghal darb'ohra minhabba ragunijiet unikament attribwibbli lill-konvenut Ronald Agius, kif hawn fuq premess.

Premess illi fil-frattemp gew intavolati diversi proceduri gudizzarji bejn l-attur Paul Portelli u l-konvenuti konjugi Agius, fosthom kawza pendenti quddiem il-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Ronald u Eugenia konjugi Agius –vs- Paul Portelli, Citaz. Nru. 201/00 AJM**, illi tinsab differita ghad-19 ta' Jannar 2001, u l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet ta' l-10 ta' Mejju 2000, issospendiet l-pubblikazzjoni ta' trasferiment finali sakemm il-proceduri giudizzarji pendenti bejn l-attur u l-konvenuti Agius jigu definittivament decizi.

Premess illi ghalhekk sa' llum l-obbligi tal-konvenuti konjugi Agius nascenti mill-precitata sentenza ta' l-

Onorabbli Qorti ta' l-Appell deciza fis-6 ta’ Ottubru 1999, ghadhom vigenti u ghaldaqstant l-imsemmija konvenuti konjugi Agius ghadhom obbligati li jaddivjenu *ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt definittiv in esekuzzjoni tal-konvenju datat 25 t’April 1990 li permezz tieghu ghandu jigi trasferit mill-istess konvenut u kjamata fil-kawza [Eugenia Agius] lill-attur b’titolu ta’ kompra- vendita ta’ flat nru. 3 fit-tielet sular (2nd floor level) formanti parti minn blokk ta’ appartamenti numru 7, Triq San Gwann Bosco kantuniera ma’ Tower Road, Sliema versu l-prezz u bil-pattijiet u kondizzjonijiet kollha hemm stipulati.*

Premess illi nonostante tali obbligi tal-konvenuti konjugi Agius fil-konfront ta’ l-attur, l-istess konvenuti konjugi Agius, permezz ta’ kuntratt ta’ donazzjoni datat 21 ta’ Jannar 2000, fl-Atti tan-Nutar Henry Vassallo, assenjaw u ttrasferew b’titolu ta’ donazzjoni ghal dejjem, irrevokabbli u bla hlas a favur tal-konvenuti l-ohra Noel u Andre’ ahwa Agius, ulied l-istess konjugi Agius (Dok “D” u “E”), li *in solidum* bejniethom accettaw u akkwistaw bl-istess titolu ta’ donazzjoni ghal dejjem irrevokabbli u bla hlas, il-flat nru. 3 fit-tielet sular (2nd floor level) formanti parti minn blokk ta’ appartamenti numru 7, Triq San Gwann Bosco kantuniera ma’ Tower Road, Sliema, kif inhu soggett ghar-rata tieghu ta’ cens annwu u perpetwu ta’ erbgha u ghoxrin lira Maltija (Lm24.00) pagabbli fit-13 ta’ Gunju ta’ kull sena soggett ghall-kondizzjonijiet kollha stipulati fil-kuntratti precedenti u kif soggett ghad-dritt ta’ uzu u abitazzjoni *vita durante* li gie koncess mid-donatarji lill-istess ommhom Eugenia sive Jean Agius bis-sahha ta’ l-istess att, liema koncessjoni ta’ uzu u abitazzjoni giet maghmula b’mod gratwitu, ta’ valur globali dina l-proprieta’ ta’ hamsin elf lira (Lm50,000) (Dok “F”)

Premess illi tali trasferiment gratwitu b’titolu ta’ donazzjoni da parte tal-konvenuti konjugi Agius lill-konvenuti ahwa Agius sar bi frodi tad-drittijiet ta’ l-atturi relattivi ghat-trasferiment lilhom da parte ta’ l-istess konvenuti konjugi Agius ta’ l-imsemmi flat nru. 3 fil-blokk ta’ appartament nru. 7, Triq San Gwann Bosco kantuniera ma’ Tower Road, Sliema, liema drittijiet jirrizultaw mill-precitata

sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell tas-6 ta’ Ottubru 1999.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandiex :

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt ta’ trasferiment grawtitu b’titolu ta’ donazzjoni fl-Atti tan-Nutar Henry Vassallo datat 21 ta’ Jannar 2000, iffirmat bejn il-konvenuti konjugi Agius u l-konvenuti ahwa Agius, sar bi frodi tad-drittijiet ta’ l-attur, liema drittijiet jirrizultaw mill-precitata sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell tas-6 ta’ Ottubru 1999 ;

2. Wara d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, il-kuntratt ta’ trasferiment grawtitu b’titolu ta’ donazzjoni fl-Atti tan-Nutar Henry Vassallo datat 21 ta’ Jannar 2000, iffirmat bejn il-konvenuti konjugi Agius u l-konvenuti ahwa Agius jigi rexiss u dikjarat null u bla effett fil-ligi.

3. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-Att ta’ rexissjoni relattiv, fil-gurnata , hin u lok li teddetermina din l-Onorabbli Qorti ;

4. Tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti kollha minn issa ngunti ghas-subizzjoni u b’riserva ghal kwalinkwe azzjoni ghad-danni spettanti lill-attur fil-konfront kemm tal-konvenuti konjugi Agius kif ukoll fil-konfront tal-konvenuti ahwa Agius.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 41 tal-process fejn eccepixxu:

1. Illi mhux minnu li l-bejgh in kwistjoni ma sarx bi htija tal-konvenuti konjugi Agius, izda minhabba nuqqas da parte tal-attur kif jigi ippruvat.

2. Illi l-konvenuti esegwew kuntratt ta’ donazzjoni ta’ proprieta’ taghhom kif kellhom kull dritt li jaghmlu, u l-atturi m’ghandhom l-ebda dritt jitoblu r-rexxissjoni tal-kuntratt.

3. Illi l-azzjoni attrici in kwantu li bbazata fuq frodi ghandha ukoll tigi michuda ghaliex m’hemmx l-estremi ghall-esercizzju ta’ tali azzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat is-sentenza esebita mill-attur annessa u mmarkata bhala Dok ‘A’ (a fol 6 et seq) moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet “Paul Portelli vs Ronald Agius u b’digriet tat-23 ta’ Novembru 1995 giet kjamata in kawza Eugenia sive Jean Agius mart il-konvenut” datata 6 ta’ Ottubru 1999.

Rat ir-rikors ta’ Paul Portelli esebit mill-attur a fol 21 u 22 tal-process mmarkat bhala Dok ‘B’ u d-digriet tal-Qorti tal-Appell a fol 24 sa 26 tal-process esebit mill-attur u mmarkat bhala Dok. ‘C’.

Rat ic-certifikati ta’ twelid tal-konvenuti Noel u Andre` ahwa Agius a fol 27 u 28, mmarkati bhala Dok ‘D’ u ‘E’ rispettivament.

Rat il-kuntratt ta’ donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo datat 21 ta’ Jannar, 2000 esebit u mmarkat bhala Dok ‘F’.

**PROVI**

Fis-seduta tal-15 ta’ Gunju, 2001 in-Nutar Dottor Henri Vassallo ikkonferma l-kuntratt ta’ donazzjoni fl-atti tieghu fejn il-konvenuti Ronald u Eugenia konjugi Agius ittrasferew lit-tfal taghhom Andre` u Noel, ukoll konvenuti f’din il-kawza, taht titolu ta’ donazzjoni il-flat numru tlieta (3), li qieghed fil-livell ta’ third floor, formanti parti minn blokk ta’ ghaxar flats, numerat sebgha (7), Triq San

Gwann Bosco, Sliema. In-Nutar Vassallo xehed li hu gie ezentat mir-ricerki u kif ukoll li ma kienx konxju mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (a fol 6 tal-process) u bid-digriet tal-Qorti tal-Appell (a fol 24).

L-attur Paul Portelli xehed a fol 61 tal-process li hu minn dejjem kien dispost li jidher fuq il-kuntratt t’akkwist tal-proprjeta` fuq indikata u ma setghax jaghmel dan minhabba l-agir tal-konvenut. Inoltre huwa pprezenta kopja tal-ittra tal-bank sanzjonanti s-self ghall-akkwist tal-proprjeta` (a fol. 58 sa 60 tal-process).

Il-konvenut Ronald Agius prodott mill-atturi xehed li huwa kien konxju kemm mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 t’Ottubru, 1999, kemm mid-donazzjoni tal-21 ta’ Jannar, 2000 u kif ukoll mid-digriet tat-28 ta’ Dicembru, 1999. Skond il-konvenut Ronald Agius galadarba ma kienx gie ppubblikat il-kuntratt fit-30 ta’ Novembru, 1999, l-obbligu tieghu sabiex jaddivjeni fuq il-kuntratt ta’ bejgh kif ordnat mill-Qorti tal-Appell ma kienx aktar validu.

Ix-xhud xehed li l-ewwel darba li kellu jsir il-kuntratt, cioe` fit-30 ta’ Novembru, 1999, dan ma sarx ghaliex intqal lilu li “il-loan tal-bank ma kienx hareg”.

Fis-seduta tad-9 ta’ Mejju, 2003 Ronald Agius xehed li kien ikkunttatja lil Louis Camilleri, is-segretarju tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri (a fol.125 tal-process):

“Jiena tlabtu x’hin u qalli li dana mhux ser isir ghaliex l-ewwel nett il-bank ghadu mhux konkluz minn naha tax-xerrej u t-tieni ghax in-Nutar Spiteri msiefer.”

Noel Agius xehed li d-donazzjoni kienet sehhet ghar-raguni li l-genituri tieghu, ilkoll konvenuti f’din il-kawza, kienu ghaddejjin minn process ta’ separazzjoni u ghalhekk bdew jittrasferrixxu l-proprjeta` taghhom lilu u lil huh Andre. Huwa xehed li kien jaf bil-proceduri tal-Qorti u fil-fehma tieghu missieru ma kienx biegh il-fond mertu tal-kawza ghar-raguni li:

“Missieri kien ser ibiegh dan il-post pero` imbaghad il-bejgh waqa’ ghax min kien ser jixtri il-post ma resaqx ghall-kuntratt. L-attur kien ser jixtri dan l-post. Imbaghad meta ma setghax jinbiegh il-post missieri kien qalilina li setgha jaghmel it-transfer fuqna.”

L-istess xhud xehed li l-attur ma resaqx darbtejn ghall-kuntratt:

“Min ghalija kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn l-attur kellu jersaq ghall-kuntratt u ma resaqx. Dawn kienu dati iffissati mill-Qorti.” (a fol. 74).

Hu xehed ukoll li kemm huwa u kemm huh kienu hadu parir legali u li kemm l-Avukat Farrugia u kif ukoll in-Nutar ikkonfermaw li d-donazzjoni setghet issir. Sussegwentement in kontro-ezami huwa xehed li “Ma nafx jekk fil-prezenza tieghi ssemmiex quddiem in-nutar li kien hemm din is-sentenza u digrieti ohra tal-Qorti.” (a fol. 74).

In-Nutar Tonio Spiteri xehed li l-kuntratt ta’ trasferiment ma kienx gie ppubblikat fit-30 ta’ Novembru, 1999 kif kien ordnat mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell peress li kien hemm kumplikazzjonijiet min-naha tal-banek dwar il-krediti taghhom stante li d-debitu ggarantit permezz ta’ ipoteki fuq il-proprjeta` in kwistjoni kien jeccedi ferm il-valur tal-bejgh tal-proprjeta`. Giet pprezentati korrispondenza (mmarkati bhala Dok ‘TS1’, ‘TS2’ u ‘TS3’) bejn in-Nutar Dottor Tonio Spiteri u l-Bank of Valletta u l-Lombard Bank sabiex l-ipoteki fuq il-proprjeta` in kwistjoni jigu kancellati. Ix-xhud ikkonferma li Ronald Agius kien gie infurmat kemm mix-xhud kif ukoll mill-iskrivan tieghu, is-Sur Louis Camilleri, dwar il-problemi vigenti. Inoltre n-Nutar ikkonferma li d-dati ffissati mill-Qorti ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt kienu it-30 ta’ Novembru, 1999 u it-30 ta’ Marzu, 2000.

Xehed ukoll Joseph Tonna li kien jokkupa l-kariga ta’ Bank Manager fil-Bank of Valletta fid-data tat-30 ta’ Novembru, 1999. Huwa xehed li l-konvenut Ronald Agius offra li jhallas izda sa dak in-nhar (meta kellu jsir il-

kuntratt) kien ghadu ma hallasx. "Sa dak iz-zmien li kont ghadni hemm hekk jien ma kienx qed ihallas jigifieri."( a fol. 134).

**Konsiderazzjonijiet:**

Illi l-azzjoni li qed jezercitaw l-atturi f'din il-kawza hija l-actio pauliana a termini ta' l-artikolu 1144 tal-Kap 16 tal-Kodici Civili li jghid hekk:

"(1) Kull kreditur jistgha wkoll, f'ismu, jattakka l-atti maghmula b'qerq mid-debitur bi hsara tal-jeddijiet tieghu, bla pregudizzju tal-jedd tal-konvenut ghall-eccezzjoni tal-beneficcju ta' l-eskussjoni, taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 795 sat-801 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."

Id-disposizzjoni fis-sub artikolu (3) tispecifika li, jekk l-att tad-debitur ikunx wiehed gratwitu, f'dan il-kaz il-kuntratt ta' donazzjoni datat 21 ta' Jannar 2000 fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo bejn il-konvenuti Ronald u Eugenia konjugi Agius u Noel u Andre ahwa Agius, ilkoll konvenuti, allura jkun bizzejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq minn naha tad-debitur cjoe l-konjugi Agius.

Illi l-elementi necessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni pawljana huma: *un atto di disposizione; l-"eventus damni" u l-"consilium fraudis".*

*Atto di disposizione* tfisser li - "*Qualora il-debitore dovesse compiere atti che diminuiscono il suo patrimonio fino a renderlo insufficiente a garantire il soddisfacimento dei diritti di tutti i suoi creditori, ovvero dovesse compiere atti che, pur non diminuendo il patrimonio, diminuiscono tuttavia la garanzia dei creditori, ai creditori e` concesso il rimedio dell'azione revocatoria, detta anche pauliana*. – Manuale di Diritto Privato – Torrente & Schlesinger. para.279.

*L-"eventus danni"* li jsir bi hsara tal-kreditur domandanti, billi d-debitur bl-att impunjat ikun almenu ppeggjora l-posizzjoni finanzjarja tieghu, u

Il-*“consilium fraudis”,* cjoe l-intenzjoni da parti tad-debitur li jaghmel hsara lill-kreditur, u l-partecipazzjoni tat-terz kontraent f’din l-intenzjoni. Ghad-debitur, il-“*consilium fraudis”* jikkonsisti filli huwa jkun jaf li qieghed jirrendi ruhu nsolventi bis-sahha tal-att minnu kompjut, ossija li huwa jkun qieghed jidhol fil-kondizzjoni ta’ nsolvenza jew ta’ *“minorata solvibilita”*. Ghat-terz jirrikorri l-*“consilium fraudis”* kull meta fil-waqt li qieghed jikkuntratta mad-debitur, huwa jaf li qieghed jaghmel negozju guridiku li huwa ta’ hsara ghall-kreditur.” (ibid. Vol 34 p3 p 851).

“F`materja ta' azzjoni pawljana l-kelma "kreditu" ghandha tigi interpretata mhux fis-sens ristrett ta' persuna li ghandha kreditu prekunjarju accertat, imma fis-sens ta' kull min ghandu azzjoni x`jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta' obbligazzjoni, b`mod li jista' jisperixxi tali azzjoni kull min jinsab ippregudikat bil-fatt ta' haddiehor b`atti kompjuti mid-debitur.” “Giuseppina Ciancio vs Michele Buontempo et” (Vol XXXIV.p 3 p851)

**Tikkunsidra**

Illi l-atturi jissottomettu li huma kredituri tal-konjugi Agius fis-sens fuq riferit billi nonostante l-fatt li l-konvenuti Agius kienu obbligati jittrasferixxu favur l-atturi l-flat in kwistjoni in segwitu ghas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tas-6 ta’ Ottubru, 1999, il-konvenuti konjugi Agius permezz ta’ kuntratt ta’ donazzjoni gratuwita ttrasferew l-istess flat favur uliedhom Noel u Andre’ Agius.

Minn naha taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li mhux minnu li l-bejgh in kwistjoni ma sarx bi htija tal-konvenuti konjugi Agius, izda minhabba nuqqas da parte ta’ l-atturi u li huma esegwew il-kuntratt ta’ donazzjoni ta’ proprjeta’ taghhom kif kellhom kull dritt li jaghmlu.

Il-konvenuti rritenew li fit-30 ta’ Novembru, 2003 il-kuntratt ta’ trasferiment bejn il-partijiet ma giex ippubblikat peress li l-atturi ma kienux ottjenew il-finanzjarjament necessarju. Dan pero’ gie kontradett mill-atturi kif ukoll mix-xhud in-Nutar Tonio Spiteri (Nutar nominat mill-Qorti ta’ l-Appell u

mhux nutar ta' l-atturi ghalhekk indipendenti). Isir ukoll referenza ghad-dokument 'PR1' a fol 58 li tikkonsisti f'sanction letter datata 19 t'Ottubru, 1999 mahruga mill-Mid Med Bank p.l.c. fejn is-self rikjest mill-atturi kien gie kkonfermat mill-bank.

In-Nutar Dottor Tonio Spiteri xehed ripetutament li l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment ma sehhx minhabba l-fatt li l-banek, senjatament il-Bank of Valletta p.l.c. u l-Lohombus Bank ma kienux lahqu ftehim dwar il-kreditu taghhom garantit bil-proprjeta` in kwistjoni, u ghaldaqstant l-ipoteki registrati favur il-banek kienu ghadhom ma jistghux jigu kancellati qabel isir il-pagament mill-konvenut, bil-konsegwenza li tali kuntratt ma setghax jigi ppubblikat. Il-konvenut kien gie infurmat bil-problema li kienet inqalet.

Ghalhekk f'dak l-istadju l-konvenuti konjugi Agius ma kellhom ebda dritt li b'titolu gratwitu ta' donazzjoni jittrasferixxu l-flat in kwistjoni favur uliedhom.

Rigward l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti f'dan is-sens cjoe li huma kellhom dritt jittrasferixxu l-proprjeta` in kwistjoni, il-Qorti tirrileva li l-fatt li l-kuntratt ma giex ippubblikat fit-30 ta' Novembru, 1999, ma kienx ifisser li tali obbligazzjoni giet rexissa. Kif tajjeb irriteniet il-Qorti tal-Appell fid-digriet taghha tat-28 ta' Dicembru, 1999, id-data moghtija minnha ma kienetx wahda ta' dekadenza:

"Ma tistax taqbel mas-sottomissjoni ta' l-istess konvenuti Agius li, bis-sentenza taghha tas-6 t'Ottubru 1999, din il-Qorti ffissat il-jum 30 ta' Novembru, 1999 li fih kellu jigi ppubblikat il-kuntratt definittiv in esekuzzjoni … ' bhala jum ta' dekadenza li ma setghax jiggedded'.". fol 24.

Inoltre il-konvenuti kienu jafu bid-digriet tal-Qorti fuq citat qabel ma sar il-kuntratt ta' donazzjoni peress li d-digriet inghata f'data ferm antecedenti ghal dik tal-kuntratt ta' donazzjoni. Fid-dawl ta' dan l-konvenuti ma kellhom ebda jedd li jittrasferixxu l-proprjeta`.

**Eventus damni**

Rigward l-element ta' l-eventus damni, tali element jissussisti mhux biss meta d-debitur inaqqas il-patrimonju tieghu, izda dan l-element jissusisti wkoll meta l-kreditur isib ruhu ddefrawdat permezz ta' atti tad-debitur li jimpeduh milli jigu sodisfatti d-drittijiet tieghu.

Dan l-element jissussissti fil-kawza odjerna stante li permezz tal-kuntratt ta' donazzjoni datat 21 ta' Jannar, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo, il-konvenuti Ronald u Eugenia konjugi Agius ttrasferew id-drittijiet taghhom gratwitament lill-konvenuti l-ohra, liema drittijiet kellhom jigu trasferiti lill-atturi skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell. B'dan il-mod l-atturi ma jistghux jesegwixxu d-drittijiet moghtija mis-sentenza ta' l-Appell fuq citata.

**Consilium fraudis**

Rigward l-element tal-consilium fraudis il-Qrati taghna dejjem irritenew li:

*"l-animus nocendi mhux mehtieg biex tigi ezercitata l-azzjoni revokatorja, imma huwa bizzejjed li jkun hemm ix-xjenza li l-att ser ikun leziv ghall-kreditur".* (Ara kawza fl-ismijiet "Emmanuele Calleja vs Carmelo Grima et" (Vol XXXIX p1 p24).

Illi l-Qrati dejjem apprezzaw id-diffikulta li wiehed jipprova l-"consilium fraudis" u ghalhekk qatt ma rrikjedew prova tal-"animus nocendi" u dejjem irritenew li mic-cirkostanzi wiehed seta' jiddeduci l-intenzjoni tad-debitur u tat-terz li jiddefrawdaw lill-kreditur. Jghid Solazzi (Revoca degli Atti Fraudolenti pag. 116: "*Quantunque l'atto sia intrapreso per uno scopo onesto, quando non di meno si prevede che l'effetto arreca danno ai creditori, si ha sempre il-"consilium fraudis", ossia il debitore agisce "fraudandi causa" o " fraudationis causa". Chi conosce l'effetto di un atto, e tuttavia vuole l'atto, vuole anche quell'effetto; la rappresentazione dell'effetto della propria azzjoni costituisce il contenuto della volonta'*.

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda moghtija quddiema. Ronald Agius xehed li l-kuntratt ma giex

ippubblikat fit-30 ta’ Novembru, 1999 peress li l-atturi ma kienux ottjenew is-self u peress li n-Nutar Dottor Tonio Spiteri kien imsiefer. Hu sostna li kien kiseb din l-informazzjoni minghand Louis Camilleri, l-iskrivan tan-Nutar Spiteri. Dan gie kontradett mix-xhieda ta’ l-istess Louis Camilleri kif ukoll mil-istess Nutar Spiteri - it-tnejn xhieda indipendenti.

Ronald Agius xehed li huwa kien mar il-Qorti sabiex isir it-trasferiment kemm fit-30 ta’ Novembru, 1999 u kif ukoll fit-30 ta’ Marzu, 2000. Izda rigward din l-ahhar data il-Qorti tinnota li l-konvenut Ronald Agius qed isostni li mar il-Qorti sabiex jaghmel it-trasferiment meta antecedentement fil-21 ta’ Jannar, 2000 huwa kien ittrasferixxa din il-proprjeta` lit-tfal tieghu konvenuti f’din il-kawza.

Izda l-“consilium fraudis” jirrizulta b’mod l-aktar car mix-xhieda moghtija min-Nutar Hery Vassallo li kien gie imqabbad mill-konvenuti biex jippubblika l-kuntratt ta’ donazzjoni in kwistjoni.

In-Nutar xehed li hu ma kienx gie mitlub biex jaghmel ir-ricerki u dana nonostante l-pizijiet li kien hemm fuq il-post. Lanqas ma kien gie infurmat bis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell u lanqas bid-digriet ta’ l-istess Qorti. Hu xehed li dan kien l-uniku att li kien ghamel ghal konvenut Ronnie Agius.

Inoltre c-cirkostanzi juru wkoll, ghalkemm mhux necessarju f’dan il-kaz li jigi pruvat, li kien hemm *concerto fraudolento* bejn il-konvenuti u l-konvenuti ahwa Agius fejn kien hemm *rapporto di parentela* bejn il-partijiet.

Mill-provi prodotti jidher car li l-konvenuti Ronald u Eugenia konjugi Agius kienu jafu sew li l-att taghhom kien ser jirreka pregudizzju lill-atturi.

Ghalkemm il-konvenuti ttentaw jiggustifikaw l-azzjoni taghhom taht l-iskuza li tali att sar minhabba l-proceduri ta’ separazzjoni bejn il-konjugi Agius, tali fatt anke jekk veritier ma jezonerax lill-konvenuti Ronald u Eugenia

konjugi Agius. Ara sentenza fuq citata "Emmanuele Calleja vs Carmelo Grima. Il-konvenuti Ronald u Eugenia konjugi Agius kienu jafu li l-azzjoni taghhom kienet ser tippregudika u tilledi d-drittijiet tal-atturi.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkonkludi li l-elementi kollha tal-actio pauliana jissussisstu u t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi

Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt ta' trasferiment gratwitu fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo datat 21 ta' Jannar, 2000 iffirmat bejn il-konvenuti konjugi Agius u l-konvenuti ahwa Agius, sar bi frodi ta' drittijiet ta' l-atturi, liema drittijiet jirrizultaw mill-precitata sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-6 t'Ottubru, 1999.

Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara li l-kuntratt ta' trasferiment gratwitu fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo datat 21 ta' Jannar, 2000 qed jigi rexiss u dikjarat null u bla effett fil-Ligi.

Tinnomina lin-Nutar Dottor Tonio Spiteri sabiex jippubblika l-Att ta' rexissjoni relattiv, zmien xaghrejn millum;

Tinnomina kuratur deputat lil Dr. Beppe Fenech Adami biex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu ssopportati interament mill-konvenuti Ronald u Eugenia konjugi Agius.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------